MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 851/2005

Nażżareno u Mario aħwa **BONNIĊI**, Ġerarda Xuereb, Alfred Cauchi, Nicolina Sawyer, Philip Cauchi, Francis Cauchi, Emanuela Magri, Carmelo Cauchi, Mary Ċilia, Eusebio Cauchi, Lucy Xuereb, ilkoll ulied tad-defunta Katerina Cauchi; Joseph Bonniċi, Nażżareno Bonniċi, u Maria Bellotti, ilkoll ulied id-defunt Rosario Bonniċi; u b'degriet tas-17 ta' Mejju, 2007, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna ta' Mario Bonniċi fil-persuna ta' wliedu Rita u Josephine aħwa Bonniċi, stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża; u b'degriet tal-4 ta' Diċembru, 2007, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Alexander Bonniċi u ta' ommu Josephine imwielda Cassar, minħabba fil-mewt fil-mori tal-kawża ta' Gerald Bonniċi, iben l-imsemmi Mario Bonniċi

vs

Philip **CAUCHI**, Catherine *sive* Katie Manġion, Maria Assunta Żerafa, Rita Abdilla, Carmen Farruġia, Lucy

Schembri, Alfreda *sive* Frida Spiteri, u Frances Schembri, ilkoll ulied id-defunta Ġużeppa Cauchi

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Settembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tiddikjara li l-partijiet huma l-werrieta universali tal-mejtin Vinċenzo u Filippa miżżewġin Bonniċi, skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Kap 12 [*recte*: Kap 16] tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tiddikjara li l-partijiet huma komproprjetarji indiviżi tal-fond, 1, Sqaq Numru 3, Triq tad-Dawl, Ħaż-Żebbuġ (Malta); (ċ) taħtar periti biex jagħtu stima tal-aħjar prezz li jġib fis-suq l-imsemmi post; (d) tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-imsemmi post bl-aħjar prezz fis-suq, liberu u frank;  (e) tinnomina nutar biex jippubblika l-eventwali kuntratt ta' bejgħ tal-fond *de quo*; (f) tindika l-jum, il-ħin u l-lok li fih għandu jkun ippubblikat il-kuntratt ta' bejgħ tal-fond *de quo*; (ġ) tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru għal dawk li ma jersqux fuq l-imsemmi kuntratt; u (ħ) tordna li l-prezz li jinkiseb mill-bejgħ tal-post jinqasam bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom fl-imsemmi post, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż ġudizzjarji u legali ta' din il-kawża mis-sehem ta' l-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Settembru, 2005, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi;

Rat li l-imħarrkin, notifikati kif imiss, baqgħu ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għall-azzjoni mibdija kontrihom u llum jinsabu lkoll kontumaċi;

Rat in-Noti mressqa mill-atturi fis-26 ta' Settembru, 2006[1], flimkien mat-tliet affidavit mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2006, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ tat-23 ta' Jannar, 2007;

[1] Paġġ. 10 – 4 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta’ Jannar, 2007, li bih ħatret lill-Perit Arkitett Godwin Abela bħala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-atturi fis-6 ta’ Frar, 2007[2], biex tfisser l-ishma ta’ kull wieħed u waħda mill-partijiet dwar il-post mertu tal-każ;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fis-27 ta’ Frar, 2007[3], minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-17 ta’ Mejju, 2007;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta’ Mejju, 2007, fuq talba magħmula mill-atturi b’rikors tal-15 ta’ Mejju, 2007, li bih ordnat il-leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt ta’ l-attur Mario Bonniċi u bintu Maria Lourdes;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Diċembru, 2007[4], fuq talba magħmula mill-atturi b’rikors imressaq waqt is-smigħ tat-22 ta’ Novembru, 2007, li bih ordnat il-leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt ta’ Gerald Bonniċi, iben il-mejjet attur Mario Bonniċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Novembru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta’ xkiel u tat lill-atturi żmien biex iressqu nota aġġornata dwar l-ishma tal-kontendenti fl-imsemmi post;

Rat in-nota spjegattiva ulterjuri mressqa mill-atturi fit-3 ta’ Jannar, 2008;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Jannar, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] Paġġ. 27 sa 30 tal-proċess
[4] Paġ. 43 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għall-bejgħ b'liċitazzjoni. L-atturi u l-imħarrkin flimkien u f'ishma ndaqs huma s-sidien ta' post f'Ħaż-Żebbuġ, li huma lkoll wirtu. Huma ma jixtiqux jibqgħu marbutin bil-komunjoni tal-imsemmi post, iżda billi l-qasma tiegħu ma tistax issir bla xkiel b'mod li kull wieħed u waħda minnhom imissu sehem sura, qegħdin jitolbu biex il-ġid jinbiegħ b'liċitazzjoni f'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għat-talbiet attriċi;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jintrabtu ma' din il-kawża għandhom jirrigwardaw l-aktar il-mod xieraq kif imissha ssir il-qasma tal-ġid komuni li l-partijiet għad għandhom bejniethom;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-kostatazzjonijiet meħtieġa, ma tistax ma tirrilevax xi nuqqasijiet evidenti li jidhru kemm mill-Att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, u kif ukoll mill-atti l-oħra mressqa mill-atturi. Dawn huma nuqqasijiet li sabet ma' wiċċha l-Qorti meta ġiet biex tagħti s-sentenza u li baqgħu ma tneħħewx minkejja n-Noti "kjarifikatorji" li l-atturi ressqu – fuq ordni tal-Qorti – matul is-smigħ tal-kawża. Dan jingħad mhux biss biex jiġu puntwalizzati aspetti ta' kronaka proċesswali, imma għaliex f'dan il-każ l-imħarrkin għażlu li ma jressqux kontestazzjonijiet, u għalhekk il-kontumaċja tagħhom – li, għall-finijiet kollha tal-liġi, m'hijiex titqies bħala ammissjoni tat-talbiet attriċi – setgħet kienet waħda maħsuba fid-dawl tan-nuqqasijiet li qegħdin jissemmew;

Illi l-ewwel nuqqas dwar fatt hu li, kemm fil-premessi taċ-Ċitazzjoni u kif ukoll fid-Dikjarazzjoni maħlufa, jissemma li l-awturi tal-partijiet kien kunjomhom "Buġeja", filwaqt fit-talbiet, il-Qorti qegħda tintalab tiddikjara li l-post kien jagħmel parti mill-wirt tal-miżżewġin "Bonniċi". Bl-istess mod, id-data tal-mewt ta' missier il-partijiet hija murija bħala "1977" fiċ-Ċitazzjoni imma bħala "1974" f'xhieda ta' wieħed mill-atturi[5]. Issemma wkoll li kienu qegħdin

[5] Affidavit tal-attur Nażżareno Bonniċi, f'paġ. 11 tal-proċess

jitressqu dokumenti flimkien mal-affidavit imressqa, imma dawn, sallum, ma jinsabu mkien fil-proċess. Fatt ieħor hu li, fin-noti "kjarifikatorji" mressqin mill-atturi, jissemmew nies b'ishma fil-post li ma jissemmewx fl-"okkju" tal-kawża;

Illi hemm ukoll nuqqasijiet dwar it-talbiet. Fl-ewwel lok, għalkemm l-Att taċ-Ċitazzjoni jidher li juri li saru disa' (9) talbiet, fis-sewwa saru tmienja (8), billi s-seba' (7) talba hija waħda u ma tinqasamx fi tnejn, kif juri l-att. Minbarra dan, ladarba l-kawża kienet waħda dwar bejgħ b'liċitazzjoni u mhux il-komproprjetarji kollha wrew fehma waħda (kemm hu hekk kellha ssir il-kawża minħabba li l-imħarrkin ma ikko-operawx), ma kienx hemm bżonn xi wħud mit-talbiet l-oħrajn li tressqu, bħal dawk li jitlolbu l-ħatra ta' nutar biex jippubblika l-kuntratt ta' bejgħ u l-ħatra ta' kuraturi biex jidhru għall-kontumaċi, ladarba l-proċediment kollu tal-bejgħ bl-irkant hu regolat minn dispożizzjonijiet preċiżi fil-Kodiċi tal-Proċedura, kif ukoll ir-reġistrazzjoni ta' bejgħ bħal dak[6]. Meta jsir bejgħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti (b'riżultat ta' sentenza), jintemm l-element ewlieni tal-kunsens u r-rieda tal-partijiet (kollha) li huwa wieħed mis-sisien ta' kull kuntratt, u għalhekk ma jkunx il-każ li wieħed jippreskrivi l-pubblikazzjoni ta' att nutarili;

Illi l-Qorti ssib li ċ-ċirkostanzi li għadha kif irrilevat huma l-frott ta' tfassil b'għaġġla tal-att ġudizzjarju, b'nuqqas ta' tħaris kif imiss ta' dak li jrid tassew jintalab. Il-Qorti ma tistenniex lanqas li jkollha tgħarbel nuqqasijiet bħal dawn sakemm tkun f'qagħda li tasal għas-sentenza, iżda, min-naħa l-oħra ma tħossx li għandha tarmi 'l barra l-azzjoni mressqa quddiemha biex ma tgħabbix lill-partijiet bil-piż ta' proċediment u spejjeż oħra, ladarba u safejn dawk in-nuqqasijiet jistgħu jkunu rimedjati taħt xi provvediment tal-liġi;

Illi, għalhekk, għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tordna bidla fil-kunjom "Buġeja" msemmi fit-tieni u t-tielet premessi taċ-Ċitazzjoni bil-kunjom "Bonniċi". Tordna wkoll bidla fis-sena "1977" fl-

[6] Ara l-artt. 521(3) u 522 tal-Kap 16

ewwel premessa taċ-Ċitazzjoni, biċ-ċifra "1974". Tordna wkoll it-tneħħija taċ-ċifra "8" li tinsab quddiem is-seba' talba attriċi fl-Att taċ-Ċitazzjoni, u t-tibdil taċ-ċifra "9" ħdejn l-aħħar talba u minflokha titqiegħed iċ-ċifra "8";

Illi l-liġi tħares il-kwestjoni tal-bejgħ b'liċitazzjoni kemm fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12)[7] u kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16)[8], bid-differenza ewlenija bejniethom tikkonsisti filli f'tal-ewwel il-bejgħ jintalab minn kreditur ta' sid il-post li jkun ser jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti, filwaqt li f'tat-tieni l-bejgħ jitnissel mir-rieda li xiħadd minn għadd ta' sidien li ma jridx jibqa' iżjed fi sħab mas-sidien l-oħrajn;

Illi, għalkemm il-bejgħ f'liċitazzjoni ta' ġid immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha, jekk kemm-il darba jsir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew għax ma jkunx hemm fehma waħda bejn is-sidien kollha, l-għażla ta' liema proċedura għandha tiġi segwita hija mħollija f'idejn il-Qorti[9], li tista' tordna li l-partijiet isegwu proċess li jixbah lil dak imfassal mil-liġi għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti fuq talba tal-kreditur;

Illi hija għażla ta' kull wieħed li għandu sehem f'ġid immobbli li sejjer jinbiegħ b'irkant taħt is-setgħa tal-qorti, żgħir kemm hu żgħir sehemu mill-istess ġid[10], li jitlob li fl-irkant il-barranin jiġu mistiedna joffru wkoll[11]. Il-bejgħ f'liċitazzjoni ta' ġid li tħalla jitgawda b'użufrutt, jista' jintalab ukoll minn użufruttwarju[12];

Illi t-talba sabiex ġid immobbli miżmum minn għadd ta' sidien jinbiegħ b'liċitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-prinċipji ewlenin li jsawru l-istitut tal-liġi li titkellem dwar ġid komuni. Fost dawn il-prinċipji hemm dak li kull wieħed mis-sidien ta' ħaġa komuni għandu l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-ġid *in natura*[13]. Għalhekk, meta ssir il-qasma, r-

[7] Artt. 305 sa 356 tal-Kap 12
[8] Artt. 515 sa 523 tal-Kap 16, li jagħmlu parti mit-Titolu V tat-Tieni Ktieb dwar *Il-Komunjoni tal-Beni*
[9] Art. 518(1) tal-Kap 16.
[10] Art. 516 tal-Kap 16
[11] Art. 517 tal-Kap 16
[12] P.A. **4.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Saydon noe vs Saydon*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.555**)
[13] Art 502 tal-Kap 16

regola hija li kull wieħed mis-sidien jieħu (skond is-sehem tiegħu) biżżejjed mill-ġid komuni fil-kwalita' li dak il-ġid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan iġib miegħu l-effett li l-liċitazzjoni hija l-eċċezzjoni għar-regola[14]. Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema ċirkostanzi għandha ssir;

Illi, madankollu, jekk biex jitħarsu l-prinċipji fuq imsemmija l-qasma tal-ħwejjeġ komuni tkun qegħda ssir biss fid-dieher u tkun mgħobbija b'soluzzjonijiet imġebbda, bħal, per eżempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-każ ikun għaqli li ssir il-liċitazzjoni u tkun qegħda titħares il-liġi fil-kelma u l-ispirtu tagħha jekk l-eċċezzjoni tegħleb lill-prinċipju[15];

Illi huwa mgħallem ukoll f'dan il-qasam li ma tistax issir il-liċitazzjoni ta' ġid immobbiljari wieħed jekk is-sidien ikunu jżommu bejniethom ġid komuni ieħor.  M'huwiex imħolli lis-sidien komuni li jwettqu proċess spezzettat tal-qasma ta' ġidhom komuni, bħalma lanqas huwa mogħti (għaliex intempestiva) li ssir talba għal-liċitazzjoni ta' post li jagħmel biċċa minn wirt li għadu ma ġiex likwidat[16];

Illi għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha[17]. Fuq kollox, il-fondi li jistgħu jinbiegħu b'liċitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistgħux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra tagħhom, u mhux għaliex imqegħda f'dak l-istat minħabba xi twaħħid artifiċjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi[18];

Illi ngħad li l-kliem "bla xkiel" fil-liġi jfissru bħala "mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu", filwaqt li "bla ħsara" jfissru "mingħajr ma jkun hemm

---

[14] Ara App. Ċiv.: **5.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Baldacchino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.105**) u P.A. **2.3.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri et vs Portelli*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.657**)

[15] Ara P.A. **21.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Paċe et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1030**) u l-awtoritajiet u s-sentenzi hemm imsemmija

[16] App.Kumm. **29.4.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIII.iii.522**)

[17] P.A. **30.7.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)

[18] App. Ċiv. **23.11.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri Soler et vs Hyzler et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.371**)

tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu"[19]. L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija waħda ta' fatt[20]. Il-kwestjoni għalhekk dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni bħala mezz estrem biex wieħed joħroġ mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-diviżjoni, tirriduċi ruħha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli[21] fil-limiti hawn fuq imfissra;

Illi l-perit maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-post ma jistax jinqasam bejn il-kontendenti u fl-ishma rispettivi tagħhom mingħajr xkiel u ħsara. Wasal għall-fehma wkoll li l-valur tal-post u fil-kundizzjoni li jinsab fiha jilħaq is-somma ta' mija u erbat elef tmien mija u wieħed u għoxrin euro u tmenin (euro) ċenteżmi (€ 104,821.80) ekwivalenti għal ħamsa u erbgħin elf lira Maltija (Lm 45,000) fil-flus ta' qabel;

Illi jirriżulta wkoll li l-ishma tar-rispettivi partijiet f'din il-kawża huwa kif sejer jingħad: (a) sehem minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mhux maqsum favur l-attur Nażżareno Bonniċi; (b) sehem ta' wieħed minn ħmistax-il parti ($^{1}/_{15}$) lil kull wieħed u waħda mill-atturi Nażżareno, Joseph u Marija mart Joseph Bellotti, ulied il-mejjet Rosario Bonniċi; (ċ) sehem ta' wieħed minn ħamsin parti ($^{1}/_{50}$) lil kull wieħed u waħda mill-atturi Francis, Gerarda Xuereb, Mary Ċilia, Emanuela Magri, Philip, Alfred, Nikolina Sawyer, Carmelo, Lucy u Eusebio, aħwa Cauchi, ulied il-mejta Catherine imwielda Bonniċi; (d) sehem ta' waħda minn sittin parti ($^{1}/_{60}$) lil kull wieħed u waħda minn ulied l-attur Mario Bonniċi (li miet fil-mori tal-kawża), **ħlief** (e) fil-każ ta' wliedu Josephine u Rita, xebbiet, aħwa Bonniċi, fejn sehemhom hu ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) kull waħda (billi dawn wirtu sehem oħthom Marija Lourdes, li mietet fil-mori tal-kawża) u (f) fil-każ ta' neputih Alexander, iben ibnu Ġerald u Josephine imwielda Cassar, li sehemu jikkonsisti fin-nuda proprjeta' ta' sehem minn tmenin parti ($^{1}/_{80}$)[22], filwaqt li sehem l-imsemmija Josephine armla minn Ġerald Bonniċi hija ta'

---

[19] Ara, per eżempju, P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Abela pro et vs Joseph Abela et***

[20] Ara P.A. **6.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Sciberras*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.217**) u App. Ċiv. **16.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.355**)

[21] App. Ċiv. **22.12.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et vs Dimech et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.369**)

[22] $^{3}/_{4}$ x $^{1}/_{60}$

waħda minn mitejn u erbgħin parti ($^{1}/_{240}$)[23] u l-użufrutt fuq is-sehem ta' binha Alexander; (ħ) sehem ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) favur kull wieħed u waħda mill-imħarrkin Rita Abdilla, Maria Assunta Żerafa, Frances Schembri, Catherine Manġion, Alfrida Spiteri, Lucy Schembri, Carmen Farruġia, aħwa Cauchi, ulied il-mejta Ġużeppa mart Emanuel Cauchi, imwielda Bonniċi; u (i) sehem ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) lill-werrieta tal-imħarrek Philip Cauchi (li miet fil-mori tal-kawża), iben il-mejta Ġużeppa mwielda Bonniċi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-partijiet huma lkoll werrieta ta' Vinċenzo u Filippa Bonniċi, li mietu, rispettivament fl1974 u l-1979;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li l-partijiet huma lkoll sidien tal-post li jinsab f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, Triq tad-Dawl, numru wieħed (1) fi Sqaq Numru Tlieta (3);

**Tastjeni milli tqis aktar it-tielet talba** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2007;

**Tilqa' r-raba' u t-tmien talbiet attriċi** billi tiddikjara li l-imsemmi post ma jistax jinqasam bejn kull wieħed mis-sidien tiegħu skond is-sehem rispettiv mingħajr xkiel u ħsara u għalhekk tordna l-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni u bis-sehem ta' barranin li jistgħu jressqu l-offerti tagħhom;

**Għall-finijiet tar-raba' talba attriċi**, tordna li l-valur tal-post li għandu jinbiegħ ikun dak iffissat fl-istima magħmula mill-perit tekniku fir-Relazzjoni li tagħmel parti mill-atti ta' din il-kawża, u bid-dħul mill-imsemmi bejgħ jinqasam fi kwoti ta'  (a) sehem minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mhux maqsum favur l-attur Nażżareno Bonniċi;  (b) sehem ta' wieħed minn ħmistax-il parti ($^{1}/_{15}$) lil kull wieħed u waħda mill-atturi Nażżareno, Joseph u Marija mart Joseph Bellotti, ulied il-mejjet Rosario Bonniċi; (ċ) sehem ta' wieħed minn ħamsin

[23] $^{1}/_{4}$ x $^{1}/_{60}$

parti ($^{1}/_{50}$) lil kull wieħed u waħda mill-atturi Francis, Gerarda Xuereb, Mary Ċilia, Emanuela Magri, Philip, Alfred, Nikolina Sawyer, Carmelo, Lucy u Eusebio, aħwa Cauchi, ulied il-mejta Catherine imwielda Bonniċi; (d) sehem ta' waħda minn sittin parti ($^{1}/_{60}$) lil kull wieħed u waħda minn ulied l-attur Mario Bonniċi (li miet fil-mori tal-kawża), **ħlief** (e) fil-każ ta' wliedu Josephine u Rita, xebbiet, aħwa Bonniċi, fejn sehemhom hu ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) kull waħda (billi dawn wirtu sehem oħthom Marija Lourdes, li mietet fil-mori tal-kawża) u (f) fil-każ ta' neputih Alexander, iben ibnu Ġerald u Josephine imwielda Cassar, li sehemu jikkonsisti fin-nuda proprjeta' ta' sehem minn tmenin parti ($^{1}/_{80}$)[24], filwaqt li sehem l-imsemmija Josephine armla minn Ġerald Bonniċi hija ta' waħda minn mitejn u erbgħin parti ($^{1}/_{240}$)[25] u l-użufrutt fuq is-sehem ta' binha Alexander; (ħ) sehem ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) favur kull wieħed u waħda mill-imħarrkin Rita Abdilla, Maria Assunta Żerafa, Frances Schembri, Catherine Manġion, Alfrida Spiteri, Lucy Schembri, Carmen Farruġia, aħwa Cauchi, ulied il-mejta Ġużeppa mart Emanuel Cauchi, imwielda Bonniċi; u (i) sehem ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) lill-werrieta tal-imħarrek Philip Cauchi (li miet fil-mori tal-kawża), iben il-mejta Ġużeppa mwielda Bonniċi;

**Tiċħad il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi** għaliex m'hemmx lokhom f'din il-kawża; u

**Tordna li l-ispejjeż** tal-kawża u dawk marbuta mal-proċeduri tal-bejgħ tal-post jinqasmu skond l-ishma rispettivi tal-partijiet, ħlief dawk marbuta mat-talbiet miċħuda li għandhom iħallsuhom l-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[24] $^{3}/_{4}$ x $^{1}/_{60}$
[25] $^{1}/_{4}$ x $^{1}/_{60}$